MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 45/2019

L-Erbgħa 16 ta' Jannar 2019

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li ma ġietx infurmata li d-deputat *Chairperson* is-Sur Frank Fenech u l-membru s-Sur Simon Salamone Reynaud kienu skużat. Għalhekk tqiesu bħala assenti mill-membri preżenti.

### 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

45.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 44/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

45.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni tal-minuti mill-membri preżenti.

45.2.3 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 45.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

45.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li ġabret stima għax-xogħol biex jitranġa l-passaġġ bil-konkos fi triq is-sajjied u qalet li dan huwa każ urġenti peress li hemm resident li minħabba d-diżabilita' tiegħu ma jistax joħroġ mid-dar permezz tal-mutur eletroniku li għandu. L-istima tammonta għal €4,800 li tinkludi l-VAT, il-materjal u x-xogħol. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li dan ix-xogħol għandu jsir immedjatament mingħajr ma nistennew li ssir l-applikazzjoni u l-approvazzjoni tagħha biex jinġabu l-fondi tal-UIF.

45.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li l-monument ta' Triq il-Port jinsab fi stadju avanzat ħafna. Hi qalet li idealment dan jiġi inawgurat qrib id-data ta' meta l-vittmi mfakkra ġew nieqsa, u jsir kordinament mal-Ministru għal Għawdex kif ukoll mal-Isqof ta'



KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Għawdex biex l-inawgurazzjoni ssir nhar il-Ħadd 10 ta' Marzu 2019 filgħodu. Iċ-*Chairperson* qalet li għandhom jiġu mistiedna l-qraba tal-vittmi, l-Arċipriet taż-Żebbuġ, ir-Rettur ta' Marsalforn u l-Kunsill taż-Żebbuġ. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

45.3.3 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li t-talba tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn biex jitwaħħal bank fi Triq il-Qbajjar għadha ma ġietx approvata u talbet biex isir *reminder* lil *Transport Malta*.

45.3.4 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li kellha talba biex titranġa bankina u rampa fi Triq Santa Marija, u rampa fi Triq Barda. L-istima għal dan ix-xogħol hi ta' €450. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan ix-xogħol peress li l-kuntrattur tal-bankini tal-Kunsill Lokali ma jistax jaqdina fil-pront u hemm il-periklu.

45.3.5 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li dalwaqt ser issir il-laqgħa annwali tal-lokalita' ġewwa is-sala tal-Kunsill Lokali fiż-Żebbuġ. Id-data u l-ħin ser jitħabbar aktar tard permezz ta' avviż li ser jitqassam fid-djar.

45.3.6 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li hemm bżonn nibdew naħsbu biex jinżebgħu l-bankijiet ta' Marsalforn mill-ħaddiema assenjati f'Marsalforn tal-IPSL. Kien hemm qbil mill-membri biex jinxtara żebgħa kulur *wine*, *sandpaper* u pniezel biex isir dan ix-xogħol.

## 45.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

45.4.1 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba talab biex isir *reminder* lil Ministeru għal Għawdex sabiex isir xogħol ta' kisi bit-tarmac, jew jekk ma hemmx finanzi għal dan isir kisi bit-torba rromblat, fil-parti ta' isfel tal-parkeġġ prinċipali minħabba li persuni li jużaw is-siġġu tar-roti u *pushchairs* isibuha diffiċli biex jgħaddu minn din il-parti. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri li kienet saret talba fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex għal dan ix-xogħol kif ukoll għal Triq Santa Marija quddiem il-promenade, u kienu ġew approvati fis-sistema. Kien hemm qbil mill-membri li jsir *reminder*.

45.4.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li f'Marsalforn hemm bżonn isir qtugħ tal-ħaxix fit-toroq speċjalment fi Triq Lapsi u l-madwar. Kif ukoll fakkar biex jinqalgħu ż-żewġ tabelli one-way li jinsabu f'tarf Triq il-Wied n-naħa tal-



KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

ispiżerija, li kienu twaħħlu għaż-żmien tas-Sajf.

45.4.3 Is-Sindku talab sabiex jinżebgħu xi *roadmarkings* 'STOP' waħda fi Triq il-Qbajjar u oħra fi Triq in-Naħla. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

## 45.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

45.5.1 Ilment KAM 01/2019 – O. Gatt
Titlob biex tissewwa l-mera tat-traffiku mkissra li hemm fi Triq Għar Qawqla, in-naħa tal-Knisja. Ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti peress li din il-mera hija tal-privat li qed isservi biex takkomoda garaxx wieħed privat.

45.5.2 Ilment KAM 02/2019 – E. Falzon
Jitlob biex isir *disabled parking* quddiem l-indirizz tiegħu fi Triq tan-Naħla. Ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti peress li fl-istess triq hemm diġa *disabled parkings* oħrajn.

45.5.3 Ilment KAM 03/2019 – J. Scicluna
Jilmenta li qed isiru ħafna inċidenti fi Triq il-Qbajjar u jitlob biex fi Triq il-Qbajjar faċċata ta' Triq il-Qolla s-Safra jeħel *dog litter bin*. Il-membri preżenti qalu li diġa' ħadu miżuri fi Triq il-Qbajjar sabiex jitnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku filwaqt li ma kienx hemm qbil li jsiru aktar *dog litter bins*.

45.5.4 Ilment KAM 04/2019 – V. Refalo
Jilmenta li meta saret il-bankina, ir-rampa tagħha ma ġietx kif suppost u qiegħdha perikoluża. Qed jitlob biex titranġa. Kien hemm qbil mill-membri li tinġabar stima għal dan ix-xogħol.

45.5.5 Il-Kumitat irċieva konsenja boroż bojod tal-iskart organiku minn WasteServ Malta Ltd. li jridu jitqassmu lir-residenti ta' Marsalforn. Kien hemm qbil li dan isir mill-għassa l-qadima ta' Marsalforn minn waħda mill-iskrivani tal-Kunsill wara li jitqassam avviż fid-djar.

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

45.5.6 Applikazzjonijiet għall-permess ta’ divertiment mill-Kunsill:
Victor Refalo obo Ekxa Kiosk – *Social Events* fi Triq il-Port, Marsalforn:
1,7, 8, 14, 15, 21, 22, 28, 29 ta’ Ġunju 2019;
5, 6, 12, 13, 19, 20, 26, 27 ta’ Lulju 2019;
2, 3, 9, 10, 16, 17, 23, 24, 30, 31 t’Awissu 2019;
6, 7, 13, 14, 20, 21, 27, 28 ta’Settembru 2019.
Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

45.5.7 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mill-ispettur tal-Pulizija Bernard Charles Spiteri b’suġġeriment sabiex il-Kunsill jintroduċi *bye-law* li tiprojbixxi l-konsum u l-ġarr ta’ alkoħol f’xi nħawi pubbliċi partikolari f’Marsalforn wara diversi nċidenti li nqalgħu f’din iż-żona. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li ssir laqgħa mal-avukat tal-Kunsill biex nitkellmu dwar dan kif ukoll jekk hux meħtieġ li ssir *bye-law* biex ma jinħarġux permessi ta’ makkinarji f’Marsalforn fl-għeqqel tas-Sajf.

45.5.8 Il-Kumitat irċieva korrispondenza minn *Transport Malta* li ġew approvati żewġ applikazzjonijiet, li kienu saru minn residenti, ta’ *reserved parking bays*, waħda fi Triq il-Qolla s-Safra u oħra fi Triq tan-Naħla. Il-Kumitat innota l-kontenut u rrimarkaw li l-Kumitat messu ġie avżat bl-applikazzjonijiet qabel l-approvazzjoni mhux wara.

45.5.9 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mill-*Contracts Manager* dwar tlett tabelli fl-inħawi tal-Qbajjar li għandhom bżonn jinbidlu minħabba xi ħsara li ġarrbu bil-maltemp. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

45.5.10 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mis-Supretendent tal-Pulizija Maurice Curmi sabiex ir-rampa tal-injam li tintuża fis-Sajf fuq il-bajja, titneħħa minn ġo l-għassa l-qadima tal-Pulizija minħabba xi xogħlijiet li ser isiru f’din il-binja. Iċ-*Chairperson* qalet li diġa’ avżat lis-Supretendent sabiex ġurnata qabel jibda x-xogħol javżawna u nneħħuha dakinhar.

45.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara laqgħa li kellu ma’ ECO Gozo, ġie nfurmat mid-direttur ta’ din is-sezzjoni, li huma ser jibdlu r-*railing* ta’ Triq Għar Qawqla. Il-membri nnutaw dan b’sodisfazzjon.



KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

## 45.6 Mozzjonijiet;

45.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 45.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 13 ta' Frar 2019.

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

| | |
|---|---|
| ***Iffirmati*** | ***Iffirmati*** |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |